MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2013

Citazzjoni Numru. 718/2013

Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)
vs
Charles u Connie mizzewgin Grech

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**
Rat ir-rikors tal-bank rikorrenti li permezz tieghu espona:

1. Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija f'erba' kuntratti fl-atti tan-Nutar Dottor Mary sive Mariella Mizzi, wiehed minnhom datat 20 ta' Dicembru 2000 (Dok. "A"), iehor datat 25 t'April 2001 (Dok. "B"), iehor datat 21 ta' Dicembru 2001 (Dok. "C") u iehor datat 15 ta' Dicembru 2002 (Dok. "D") u permezz ta' skrittura privata datata 10 ta' Mejju 2011 (Dok. "E") fejn is-socjeta` attrici ikkoncediet facilitajiet bankarji lil Charles u Connie mizzewgin Grech

2. Illi s-socjeta` attrici tinsab kreditrici ta' Charles u Connie mizzewgin Grech fis-somma ta' mija u sittax-il elf,

sitt mija u disa’ Ewro u centezmu (€116.609.01), bilanc ghad-debitu fil-*“Loan Accounts”* ta’ Charles u Connie mizzewgin Grech mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. “F” u Dok. “G1 sa G5”), flimkien mal-imghax ulterjuri mill-4 ta’ Gunju 2013 sad-data ta’ l-effettiv pagament;

3. Illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratti u fl-iskrittura privata fuq imsemmija (u ezibiti bhala Dok. “A”, Dok. “B”, Dok. “C”, Dok. “D” u Dok. “E”), partikolarment imma mhux esklussivament, billi Charles u Connie mizzewgin Grech:-

(a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta` mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratti u skrittura privata (b) kienu inadempjenti f’obbligi ohra minnhom assunti fl-isetss kuntratti u skrittura privata sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta’ l-istess Charles u Connie mizzewgin Grech li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita` tal-hlas lura ta’ l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta` attrici.

4. Illi l-attur *nomine* jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment.

5. Illi l-konvenuti Charles u Connie mizzewgin Grech gew interpellati permezz ta’ ittra ufficjali datata 13 ta’ Ottubru 2011, li kopja taghha giet ezibita u mmarkata fir-rikors Dok ‘H’, sabiex jithallas id-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadampjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza.

Il-bank rikorrenti talab lill-Qorti:

1. Tiddikjara u Tiddeciedi li sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratti u fl-iskrittura privata fuq imsemmija (u hawn ezibiti fir-rikors bhala Dok. “A”, Dok. “B”, Dok. “C”, Dok. “D” u Dok. “E”) partikolarment imma mhux esklussivament, billi Charles u Connie mizzewgin Grech (a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta` mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratti u skrittura privata, (b) kienu inadempjenti f’obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratti u skrittura privata sopraindikati,

u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess Charles u Connie mizzewgin Grech li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita` tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta` attrici, u

2. Tikkundanna lil Charles u Connie mizzewgin Grech jhallsu flimkien u *"in solidum"* bejniethom lis-socjeta` attrici s-somma ta' mija u sittax-il elf, sitt mija u disa' Ewro u centezmu (€116,609.01), bilanc ghad-debitu fil-*"Loan Accounts"* ta' Charles u Connie mizzewgin Grech mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "F" u Dok. "G1 sa G5"), flimkien mal-imghax ulterjuri mill-4 ta' Gunju 2013 sad-data ta' l-effettiv pagament;

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 13 ta' Ottubru, 2011 kontra l-konvenuti li gew ngunti in subizzjoni.

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti ezebiti mil-bank rikorrenti.

**B. PROVI:**
Rat li fil-25 ta' Settembru, 2013 l-intimati pprezentaw nota ta' ammissjoni.

**C: KONKLUZJONIJIET:**
Illi ghalhekk fuq ammissjoni t-talbiet tal-bank rikorrenti jidhru gustifikati u l-Qorti filwaqt li qed tilqaghhom, qed tiddikjara li sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratti u fl-iskrittura privata fuq imsemmija partikolarment imma mhux esklussivament, billi Charles u Connie mizzewgin Grech (a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta` mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratti u skrittura privata, (b) kienu inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratti u skrittura privata sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess Charles u Connie mizzewgin Grech li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita` tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta` attrici.

Tikkundanna lil Charles u Connie mizzewgin Grech jhallsu flimkien u *“in solidum”* bejniethom lis-socjeta` rikorrenti €116,609.01, bilanc ghad-debitu fil-*“Loan Accounts”* ta’ Charles u Connie mizzewgin Grech mal-Bank of Valletta p.l.c., flimkien mal-imghax ulterjuri mill-4 ta’ Gunju, 2013 sad-data ta’ l-effettiv pagament.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta’ l-ittra ufficjali datata 13 ta’ Ottubru, 2011 kontra l-intimati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------